**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Mejju 2023**

**Rikors Nru : 160/2023 JPG**

**Kawza Nru : 21**

**ED**

**U**

**MD**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' tal-partijiet datat 23 Marzu 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huma zzewgu f'Malta fil-11 ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) [certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument A].*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu LD f'X u AD f'Y.*

*Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood tat-22 ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) [ kopja tal-istess qieghed jigi hawn anness u mmarkata Dokument B] u ghalhekk ilhom aktar minn tmintax-il xahar legalment isseparati minn xulxin.*

*Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u li illum l-esponenti komplew b'hajjithom separatament minn xulxin.*

*Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li m'hu dovut l-ebda hlas ta' manteniment bejniethom, mentri l-manteniment ghall-minuri qed jithallas regolarment u ma hemmx arretrati.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi sabiex jinghata d-divorzju*

*Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2) *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

3) *Tordna illi MD tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' A.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-paritjiet li permess taghha stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ED xehed** (vide affidavit fol 14) illi huwa imwieled il-Bulgaria izda ilu jghix Malta mil-2004. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-11 ta' Novembru 2007 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Sostna illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood nhar it-22 ta' Settembru 2021. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**MD xehdet** (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u kkorraborat ma dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas***

***sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Novembru 2007, liema zwieg jgib certifikat numru 2202/2007 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood nhar it-22 ta' Settembru 2021 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Rat it-talba tal-ko-attrici MD sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha A;

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2202/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tilqa' t-talba ta' MD biex tirriverti ghall-kunjom xbubitha A u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**